# Għajnuniet mhumiex kontributorji

FL-AĦĦAR artiklu tajt ħarsa pjuttost estensiva lejn l-allowance tat-tfal. Tkellimt dwar min jikkwalifika u kif, kif issir it-talba, kif tinħadem ir-rata imħallsa u kif isir il-ħlas. Tkellimt ukoll dwar l-Allowance tat-tfal b'diżabilità u anke l-Allowance għall-fostering.

Illum se nitkellem dwar żewġ benefiċċji oħrajn ta' sostenn għall-familji jew individwi bi dħul baxx. Dawn huma l-Għajnuna Supplimentari u l-Benefiċċju tal-Enerġija.

## X'inhi l-għajnuna supplimentari?

L-għajnuna supplimentari hija għajnuna fi flus li titħallas lill-kap ta' familja (miżżewweġ jew singlu) li d-dħul tiegħu (u tal-konjugi jekk miżżewweġ) ma jaqbiżx l-ammont stabbilit f'Parti V tal-Erbatax-il Skeda tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali.

Fil-każ ta' persuna tgħix waħidha, biex din tikkwalifika għall-għajnuna supplimentari, d-dħul tagħha ma jridx jaqbeż €8,162 fis-sena. Fil-każ ta' koppja miżżewġa, id-dħul tagħhom flimkien ma jridx jaqbeż l-ammont ta' €10,330 fis-sena.

Huwa importanti li nsemmi li biex kap ta' familja jikkwalifika għal din l-għajnuna ma jridx ikun qed jirċievi jew għandu dritt li jirċievi l-allowance tat-tfal. F'dak il-każ titħallas l-allowance tat-tfal li hija ogħla mill-għajnuna supplimentari. Huwa importanti wkoll insemmi li l-għajnuna supplimentari tista' titħallas ukoll lil min jaħdem sakemm id-dħul tiegħu ma jaqbiżx id-dħul stabbilit imsemmi fuq.

## X'inhu kkunsidrat fil-kalkolu tad-dħul?

Fil-kalkolu tad-dħul jiġu kkunsidrati diversi sorsi ta' dħul. Fost dawn naturalment hemm id-dħul gross mill-impjieg li, l-istess kif isir fil-każ tal-allowance tat-tfal, minnu jitnaqqas l-ammont ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali mħallsa mill-kap tal-familja u/jew il-konjugi tiegħu skont il-każ. Iżda hemm sorsi oħrajn li jiġu kkunsidrati bħal imgħaxijiet jew dividendi, kirjiet, dħul minn art imqabla mill-Gvern, dħul minn bejgħ ta' prodotti agrikoli, manteniment riċevut mill-applikant imħallas lilha jew lit-tfal tagħha mill-konjugi u dħul ieħor.

Minħabba li l-għajnuna supplimentari titħallas minn Lulju ta' sena sa' Ġunju tas-sena ta' wara, il-kalkolu tad-dħul ikun ibbażat fuq is-sena kalendarja (Jannar-Diċembru) ta' qabel. Jiġifieri, b'mod ġenerali jekk qed issir stima tad-dħul għal ħlas ta' allowance li se jibda minn Lulju 2011 sa' Ġunju 2012, il-kalkolu tad-dħul se jkun fuq is-sena 2010. Naturalment jeżistu xi eċċezzjonijiet għal din ir-regola, speċjalment fejn ikun hemm tibdil ta' ċirkostanzi bħal waqfien mix-xogħol.

Tajjeb li ngħid li fil-każ ta' dħul mill-pensjoni, id-dħul ikun stmat fuq ir-rata tas-sena kurrenti li fiha qed issir l-istima. Madankollu d-dħul l-ieħor li jista' jkollu l-pensjonant ikun stmat fuq is-sena kalendarja ta' qabel kif spjegat fuq.

## Kif tinħadem ir-rata?

Ġaladarba ikun stabbilit x'inhuma s-sorsi tad-dħul tal-applikanti, id-dħul kollu jingħadd flimkien u dan imbgħad jistabbilixxi x'rata ta' għajnuna supplimentari tkun tista' titħallas, dejjem skont l-applikant huwiex singlu jew miżżewweġ. Fil-fatt ir-rata mħallsa fis-sena hija ekwivalenti għal: fil-każ ta' koppja miżżewġa – 2.268% tad-differenza bejn l-ammont ta' €24,287 u d-dħul stmat tal-koppja, u fil-każ ta' persuna waħidha – 1.7% tad-differenza bejn l-ammont ta' €19,627 u d-dħul stmat tal-persuna.Ir-rata massima ta' għajnuna supplimentari hija €8.13 fil-ġimgħa (€422.76 fis-sena) għall-koppja miżżewġa u €4.57 fil-ġimgħa (€237.64 fis-sena) għal persuna waħedha.Biex nispjegaw, ejjew nagħtu żewġ eżempji sempliċi.**Eżempju A:** Koppja, bla tfal żgħar, li bejniethom għandhom id-dħul li ġej:

| EŻEMPJU A: | TIEGĦU | TAGĦHA |
|---|---|---|
| Impjieg | €8,000 | €0 |
| Kontribuzzjoi tas-Sigurtà Soċjali | €700 | €0 |
| Dħul ieħor | €200 | €400 |

Kif spjegajt qabel, mid-dħul mill-impjieg irid jitnaqqas l-ammont ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurta' soċjali. Mela d-dħul mill-impjieg fl-eżempju A se jkun (€8,000 - €700) = €7,300. Id-dħul l-ieħor tal-koppja huwa (€200 + €400) = €600 mela d-dhul totali ta' din il-koppja għall-fini tal-għajnuna supplimentari huwa €7,900 fis-sena.

Mela r-rata ta' l-għajnuna supplimentari f'dan il-każ se tkun 2.268% x (€24,287 - €7,900) jew €371.66 fis-sena (€7.15 fil-ġimgħa).

| EŻEMPJU B: | |
|---|---|
| Dħul | Tagħha |
| Pensjoni | €4,000 |
| Dħul ieħor | €1,000 |

**Eżempju B:** Armla tgħix waħidha bil-pensjoni u li għandha d-dħul hekk kif jidher fit-tabella.

Mela f'dan il-każ, id-dħul mill-pensjoni fis-sena kurrenti (€4,000) se jingħadd mad-dħul ieħor fis-sena kalendarja ta' qabel (€1,000) biex hekk id-dħul totali ta' din l-armla għall-fini tal-għajnuna supplimentari huwa €5,000 fis-sena.

Mela r-rata tal-għajnuna supplimentari f'dan il-każ fit-teorija se tkun 1.7% x (€19,627 - €5,000) jew €248.66 fis-sena. Madankollu, kif spjegajt fuq, la r-rata massima ta' għajnuna supplimentari hija €4.57 fil-ġimgħa (€237.64 fis-sena) għal persuna waħidha, f'dan il-każ l-armla titħallas din ir-rata massima bħala għajnuna supplimentari.

## Kif issir l-evalwazzjoni?

Meta ssir talba għall-allowance tat-tfal, issir investigazzjoni u evalwazzjoni bir-reqqa tad-dħul tal-ġenituri applikanti skont il-kriterji stabbiliti. Infakkar fuq l-importanza li ssir dikjarazzjoni korretta u veritiera tad-dħul kollu tal-ġenituri meta ssir t-talba.

L-applikanti jistgħu jintalbu li jagħtu aktar informazzjoni dwar id-dħul tagħhom inkluż dokumenti. Dan isir biex ikun stabbilit li t-talba hija waħda ġenwina u d-dikjarazzjoni mogħtija mill-applikant hija korretta.

Infakkar li d-Dipartiment għandu l-poter li tagħtih il-liġi li jinvestiga dan kollu billi jikseb informazzjoni minn sorsi oħrajn biex jiżgura li d-dikjarazzjoni mogħtija hija korretta. Għalhekk huwa fl-interess tal-applikant li jagħmel dikjarazzjoni korretta għax jekk le, u jirriżulta li tkun qed titħallas allowance mhux bi dritt jew b'rata ogħla milli suppost, jista' jkun hemm konsegwenzi serji fosthom li jintalbu l-flus lura u li jittieħdu proċeduri legali bil-Qorti.

Kif issir it-talba?

Jekk qed issir talba għall-ewwel darba, din tista' ssir billi timtela l-formola apposta u titwassal iffirmata mill-applikanti lid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali immedjatament. Huwa importanti li l-applikazzjoni tasal malajr għax id-data effettiva ta' meta jibda jsir il-ħlas tkun is-Sibt ta' wara d-data tal-applikazzjoni.

Il-formola tal-applikazzjoni tista' tinkiseb mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali jew minn kwalunkwe Uffiċċju Distrettwali tal-istess Dipartiment kif ukoll tista' titniżżel mill-websajt tad-Dipartiment http://soċialseċurity.gov.mt

Mal-formola jkunu jridu jiġu sottomessi dokumenti oħrajn bħal (i) FS3 tas-sena kalendarja ta' qabel qed issir it-talba (inkluż ta' impjieg partajm jekk il-każ) (ii) stima awditjata tad-dħul u l-ħruġ f'kaz li min qed jagħmel it-talba jaħdem għal rasu (fil-każ ta' diretturi ta' kumpaniji jew azzjonarji li għandhom il-maġġoranza tal-ishma jkun meħtieġa l-'Final Audited Aċċounts'), (iii) f'każ li min qed jagħmel it-talba jaħdem għal rasu kopji tar-riċevuti tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali jekk dawn ikunu tħallsu, u (iv) dokumenti oħrajn dwar id-dħul tal-applikanti.

Biex wieħed jibqa' jirċievi l-għajnuna supplimentari irid jagħmel talba ġdida kull sena biex issir stima ġdida tad-dħul. Il-formola tintbagħat bil-posta kull sena lill-benefiċċjarji u trid timtela' u tintbgħat lura bid-dettalji u d-dokumenti meħtieġa sal-aħħar ta' April.

## Proċedura ġdida

Tajjeb ngħid li dis-sena, il-formola li se tintbgħat fid-djar lil min jirċievi l-għajnuna supplimentari se tkun kemxejn differenti minn tas-soltu. L-istess bħalma se jiġri fil-każ tal-allowance tat-tfal, il-formola tal-għajnuna supplimentari se tkun personalizzata billi se jkun fiha d-dettalji tal-benefiċċarji u l-informazzjoni l-oħra rilevanti li d-Dipartiment diġà għandu dwar il-każ. L-applikanti kulma jridu jagħmlu hu li jimlew it-tagħrif nieqes jew jirranġaw fejn ikun żbaljat u jipprovdu d-dokumenti meħtieġa.

Ta' min isemmi li kull min qiegħed fuq l-għajnuna soċjali, pensjoni tal-età mhux kontributorja jew pensjoni għal wens mhux se jirċievi din il-formola għax il-pagament tal-għajnuna supplimentari se jibqa' għaddej bla waqfien u bl-ogħla rata imsemmija fuq skont il-każ tiegħu, sakemm ma jkunx hemm tibdil fiċ-ċirkostanzi. Jekk ikun hemm tibdil, importanti li jsir rapport fl-eqreb uffiċċju distrettwali.

## Il-metodu tal-ħlas

L-għajnuna supplimentari titħallas bil-quddiem kull tliet xhur – fl-ewwel Sibt ta' Jannar, April, Lulju u Ottubru. Jiġifieri l-ammont dovut ta' sena jinqasam f'erba' pagamenti. Meta jkun hemm tibdil fiċ-ċirkostanzi, isiru ħlasijiet addizzjonali jew tnaqqis mir-rata (jekk ikun il-każ) fil-frattemp.

Il-pagament tal-għajnuna supplimentari jista' jsir biss b'depożitu f'kont bankarju tal-għażla tal-benefiċjarju.

## Il-benefiċċju tal-enerġija

Tajjeb li nagħti ftit tagħrif dwar il-benefiċċju tal-enerġija. Dan għandu l-għan li jtaffi l-piż tal-kont tad-dawl u l-ilma għal min għandu dħul baxx. Dan isir billi tingħata għajnuna f'forma ta' vawċer li l-valur tiegħu jitnaqqas mill-kont meta dan jitħallas. Dawk li jistgħu jibbenefikaw minn dan il-benefiċċju huma dawn li ġejjin:
a) persuni li qed jirċievu l-għajnuna soċjali; b) persuni li qed jirċievu il-benefiċċju speċjali għall-qgħad (min jirċievi dan ikun jikkwalifika għall-għajnuna soċjali); ċ) persuni li jirċievu l-pensjoni tal-età (mhux kontributorja); d) persuni li jirċievu l-pensjoni għal wens; e) persuni oħra li d-dħul tagħhom (inkluż tal-membri tal-familja) ma jaqbiżx €8,159 fis-sena.
Persuna tista tibbenefika wkoll minn dan il-benefiċċju fuq bażi umanitarja jekk; (a) ikun ippruvat li xi membru tal-familja jkun ibati minn xi kundizzjoni medika li teħtieġ trattament li jikkonsma ammont eċċessiv ta' dawl u ilma, u; (b) u d-dħul tal-familja ma jaqbiżx €30,911 fis-sena.

Biex japplika għal dan il-benefiċċju irid isegwi l-istess proċeduri kif spjegajt fuq. Ikunu meħtieġa dokumenti li jissostanzjaw it-talba tal-applikanti, speċjalment fejn għandu x'jaqsam id-dħul u, fil-każ ta' talba fuq bażi umanitarja, ċertifikati mediċi. Mal-applikazzjoni tkun meħtieġa wkoll kopja tal-aħħar kont li jkun intbgħat minn ARMS Ltd.

## Kemm hu l-benefiċċju?

Il-benefiċċju tal-enerġija għal dawk li jikkwalifikaw għalih għax id-dħul huwa baxx jinkludi: a) ammont biex itaffi sa 30% tal-konsum tal-elettriku qabel titnaqqas l-eko-riduzzjoni sa għajnuna massima ta' €75 fis-sena għal kull persuna fil-familja ;b) sussidju ta' mhux aktar minn €65 f'sena fuq il-kera tal-arloġġ tad-dawl, u sussidju ta' mhux aktar minn €59 fis-sena fuq il-kera tal-arloġġ tal-ilma.

Il-benefiċċju tal-enerġija għal dawk li jikkwalifikaw għalih fuq bażi umanitarja jinkludi: a) ammont biex itaffi sa 80% tal-konsum tal-elettriku qabel titnaqqas l-eko-riduzzjoni; b) sussidju ta' mhux aktar minn €65 fis-sena fuq il-kera tal-arloġġ tad-dawl single-phase jew mhux aktar minn €195 fis-sena fuq il-kera tal-arloġġ tad-dawl three-phase, u; ċ) sussidju ta' mhux aktar minn €59 fis-sena fuq il-kera

*IMPORTANTI: L-informazzjoni li qed tingħata f'din ir-rubrika mhijiex intenzjonata li titqies bħala parir legali dwar xi drittijiet għal kwalunke benefiċċju soċjali jew materja oħra ta' sigurta' soċjali. L-għan ta' din ir-rubrika huwa purament u unikament biex tingħata informazzjoni ġenerali dwar is-sistema tas-sigurta' soċjali f'Malta. Għal aktar tagħrif tista' żżur il-websajt tagħna www.soċialseċurity.gov.mt, tibgħat imejl fuq soċial.seċurity@gov.mt, tista' tmur f'wieħed mill-uffiċċji distrettwali tagħna f'Malta u Għawdex jew inkella iċċempel fuq in-numru 159.*



**MARK MUSÙ**
Direttur għall-Iżvilupp Strateġiku u Relazzjonijiet Internazzjonali – Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali

tal-arloġġ tal-ilma.

### Kif isir il-ħlas?

Kif spjegajt fuq, il-ħlas isir permezz ta' vawċer li jkun irid jiġi ppreżentat flimkien mal-kont meta dan ikun se jitħallas. L-ammont li jkun indikat fuq il-vawċer jitnaqqas mill-kont. Il-vawċer m'huwiex ċekk u għalhekk ma jistax jissarraf fi flus. Il-vawċer għandu validita' ta' 6 xhur iżda f'każ li jiskadi qabel jintuża tista' ssir talba lid-Dipartiment biex dan jerġa joħroġ b'data ġdida. F'każ iżda li l-istess vawċer ikun inħareġ għat-tieni darba u jerġa jiskadi, ma jkunx jista' jinħareġ aktar b'data gdida u dan jintilef.

■ Kont taf li:

• Jekk xi ħadd mit-tfal għalaq 16-il sena iżda mhux 21 sena, qiegħed jirreġistra għax-xogħol jew għadu jistudja iżda m'għandux stipendju, inti tista' tikkwalifika għall-allowance speċjali tat-tfal?

• Inti tista' tikkwalifika għall-allowance speċjali tat-tfal jekk id-dħul tiegħek (u tal-konjugi jekk il-każ) ma jaqbiżx €23,983 fis-sena. Il-mod kif tinħadem ir-rata huwa identiku għal kif tinħadem l-allowance tat-tfal taħt is-16-il sena iżda r-rata imħallsa lil tfal ta' bejn 16-il sena u 21 sena hija ekwivalenti għal terz ta' dik imħallsa lil tfal taħt is-16-il sena (2% tad-differenza bejn l-ammont ta' €23,983 u d-dħul stmat tal-koppja jew ġenitur singlu jekk il-każ).

• Rigward kif jinħadem id-dħul u kif tinħadem ir-rata tal-allowance tat-tfal ara l-artiklu tiegħi dwar l-allowance tat-tfal tat-22 ta' Frar 2011). Għal aktar tagħrif jew biex wieħed japplika għandu jirrikorri fl-eqreb uffiċċju distrettwali tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali.

**Paġna Sigurtà Soċjali,**
**l-orizzont,**
**A41 Qasam Industrijali,**
**Marsa, MRS3000**

*jew inkella b'imejl bis-suġġett "Paġna Sigurtà Soċjali" fl-indirizz* **ittri@unionprint.com.mt**. *Il-mistoqsijiet għandhom ikunu dwar materji ta' interess ġenerali u mhux dwar każi privati jew personali.*